**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu 2017**

**Talba Nru: 602/16 CZ**

**Sand & Gravel Limited (C 337)**

**vs.**

**William Bugeja (ID 595863 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-29 ta' Dicembru 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat'elef, hames mija u sitta u erbghin Euro u sbatax-il centezmu (€4,546.17), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-kumpanija attrici offriet servizzi ta' radam lill-konvenut, u lill-kumpanija W.B. Construction Limited (C 46211), fuq l-inkarigu u a beneficcju taghom:

Illi ghalkemm il-konvenut u l-kumpanija W.B. Construction Limited (C 46211) gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali tas-17 ta' Novembru 2015 (2231/2015 maghmula taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Lijiget ta' Malta, sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta' €4,546.17, rapprezentanti l-prezz tas-servizzi hawn fuq indikati, il-konvenut ikkontsta l-istess ittra ufficcjali minghajr ebda raguni valida fil-ligi:

Illi ghalkemm il-kumpanija W.B. Construction Limited (C 46211) ma kkkontestatx l-imsemmija ittra ufficcjali, u ghalkemm, ghalhekk, il-kumpanija attrici esegwiet it-titolu ezekuttiv minnha ottjenut kontra l-istess imsemmija kumpanija, irrizulta illi W.B. Construction Limited (C 46211) ma kinitx f'pozizzjoni li tissodisfa l-kreditu tal-kumpanija attrici.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza:

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghalfejn m'ghandux dan it-Tribunal,  prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici, s-somma ta' erbat'elef hames mija u sitta u erbghin euro u sbatax-il centezmu (€4,546.17) rapprezentanti l-prezz tas-servizz ta' radam li gew rezi mill-kumpanija attrici kif hawn fuq inghad, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 2231/2015 tas-17 ta' Novembru 2015, u bl-imghaxijiet, dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef hames mija u sitta u erbghin euro u sbatax-il centezmu (€4,546.17) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur